NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1, TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA VCT 1013 GĦAWDEX
Tel: 2155661 - 21556427 fax: 21551278 Website: www.gozodiocese.org

Mejju 2008 Nru 377

# TIFKIRA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM
# IL–ĦAMIS, 1 TA' MEJJU 2008

Inpoġġu lilna nfusna bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej f'dan il-Jum taħt it-protezzjoni ta' San Ġużepp Patrun tagħna l-Ħaddiema. Inħarsu dan il-jum billi nqaddsuh u nagħmlu talb speċjali biex jgħinna u jħarisna fl-appostolat tagħna.

---

**PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN**

Lejliet il–Festa

TA' SAN ĠORĠ PRECA

IMMEXXI MONS MARIO GRECH, ISQOF T'GĦAWDEX

GĦAL FUQ IL–QABAR TA' SAN ĠORĠ PRECA

**IL–ĦAMIS, 8 TA' MEJJU 2008**

nitilqu mal–Vapur tal–4.30p.m

Biljetti mill–Uffiċċji Parrokkjali u miċ– Centri tal–M.U.S.E.U.M.
KULĦADD HUWA MISTIEDEN

# Dehriet tal–Madonna ta' Fatima
# Knisja ta' ĦAMET – GĦAWDEX

Nhar It-Tlieta, 13 ta' Mejju jibdew fil-Knisja ta' Ħamet, fejn hemm l-Istatwa Djoċesana tal-Madonna ta' Fatima imbierka mill-Papa Piju XII fl-1949, id-devozzjoni tad-dehriet b'dan il-programm : Fis-6.00 p.m. tibda l-Adorazzjoni Ewkaristika Solenni mmexxija mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex li tkompli sejra sakemm tibda l-quddiesa. Fis-7.00p.m. Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi Isqof Emeritus t'Għawdex fejn jinawgura Kampanja favur « AMBJENT MORALMENT NADIF » fl-istess Knisja organizzata mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex bl-Omelija tal-okkażjoni, wara jsir pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima fit-toroq ta' ħdejn il-Knisja u fl-aħħar barka sagramentali. Dawn id-dehriet jitkomplew kull 13 tax-xahar sa Ottubru

# SONG FESTIVAL MARJAN
# IS–SIBT, 17 TA' MEJJU 2008

*ORATORJU DON BOSCO - VICTORIA- GĦAWDEX*

Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex ser jorganiżża s-Song Festival Marjan nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju 2008 fil-għaxija fl-Oratorju Don Bosco fis-7.00 p.m.taħt il-patroċinju ta' L-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Din ser tkun id-39 Edizzjoni tal-Festival. Ser ikun hemm kant minn kantanti ndividwali u korijiet kif ukoll mistednin minn Malta. Il - Biljetti jinkisbu mill-Post tal-Leġjun fi Pjazza Santu Wistin, Victoria mit-Tnejn 12 sal-Ħamis 15 ta' Mejju 2008 ta'qabel il-Festival bejn il-5.00 u s-6.00p.m. Il-pubbliku speċjalment il-membri ta'l-Għaqdiet u gruppi oħra ekkleżjali huma mħeġġa jattendu

# Jum Dinji ta' Talb minn Nisa Kattoliċi

Laqgħa ta' Talb fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjon Kattolika, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria nhar l-Erbgħa,21 ta' Mejju 2008 mid-9.00a.m. sal-10.30a.m.. Presenti ser ikun hemm l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech fejn jippresiedi Konċelebrazzjoni. In-Nisa kollha u anke reliġjużi nisa huma mistiedna għal din il-Laqgħa ta' Talb ma' l-Isqof.

## Kalendarju Pastorali – Mejju 2008

| | |
|---|---|
| 1.Ħamis | Tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem. Patrun tal-Ħaddiema. |
| 2.Ġimgħa | San' Atanasju, Isqof u Duttur- Tifkira (0).<br>L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Illum tibda in-Novena ta' l-Ispirtu s-Santu. |
| 3.Sibt | San. Filippu u San Ġakbu, Appostli – Festa.<br>L –Ewwel Sibt tax-xahar.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Ragħaj it-Tajjeb,Victoria, li jibda fit-8.30 pm. |
| 4.Ħadd | Festa ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema. Messalin Sena A. Paġina 217.<br>It-42 Jum tal-Mezzi tal-Kumunikazzjoni Soċjali.<br>Films għall-Familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 6.Tlieta | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta – Kappella ta' l-Università fis-7.15p.m. |
| 7.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fis-Sala taċ-Ċentru Pastorali, Victoria fit-8.30 am.<br>L-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 8.Ħamis | Festa tal-Madonna ta' Pompej – Knisja ta' Pompej Victoria. Issir f'nofs inhar is-Supplika tal-Madonna ta' Pornpej mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.<br>Pellegrinaġġ Djoċesan għal fuq il-Qabar ta' San Ġorġ Preca (MUSEUM) Blata il-Bajda – Malta. |
| 9.Ġimgħa | San Ġorġ Preca – Festa. |
| 10.Sibt | Velja Djoċesana ta' Għid il-Ħamsin fis-Santwarju ta' Pinu tibda fit-8.00p.m. Quddiesa tal-Vġili Messalin Sena A paġina 224<br>Jitkompla wara l-velja l-Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fl-istessis-Santwarju Ta' Pinu. |
| 11.Ħadd | Għid il-Ħamsin. Solennità. Messalin sena A. paġina 231.<br>Jum l-Appostolat tal-Lajċi. / Jum l-Omm<br>Films għall-familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 13.Tlieta | L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima f'Ta' Ħamet fis-6.00p.m. Adorazzjoni u fis-7.00p.m. quddiesa mill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi , Isqof Emeritus t'Għawdex. fejn jinawgura Kampanja favur "Ambjent Moralment Nadif" fl-istess Knisja organizzata mill-Azzjoni Kattolika f'Għawdex u wara pellegrinaġġ bil-Madonna ta' Fatima. |
| 14.Erbgħa | San Mattija, Apostlu, Festa<br>It-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 15.Ħamis | Jum internazzjonali tal-Familji (NU). |
| 17.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Katidral, Victoria li jibda fit-8.30 pm.<br>Song Festival Marjan fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fis-7.00p.m. |
| 18.Ħadd | It-Trinità Qaddisa- Solennità . Messalin Sena A. paġina 238.<br>Films għall-familja fl-Oratorju Don Bosco,Victoria, fil-5.30p.m,. |
| 21.Erbgħa | It-Tielet Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Jum Dinji ta' Talb minn Nisa Kattoliċi. Laqgħa għan-nisa kollha fl-Azzjoni Kattolika fid-9.00a.m. |
| 22.Ħamis | Festa ta' Santa Rita – Santu Wistin, Victoria. |
| 24.Sibt | Jum ta' Talb għall-Knisja fiċ-Ċina.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tax-Xewkija li tibda fis-6.45 pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 25.Ħadd | Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej – Solennita' – Messalin sena A. Paġina 243.<br>Festa ta' San Pawl Nawfragu - Parroċċa Munxar.<br>Films għall-Familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria, fil-5.30p.m. |
| 26.Tnejn | . San Filippu Neri, Sac.- Tifkira. |

| | |
|---|---|
| 28.Erbgħa | Ir-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija |
| 30.Ġimgħa | Solennità tal-Qalb ta' Ġesù. |
| | Jum il-Qdusija tas-Saċerdoti- Adorazzjoni għall-Kleru, Parroċċa Fontana fil-5.00p.m. |
| 31.Sibt | Iż-żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija.- Festa. |
| | Konsagrazzjoni tal-Familji f'għeluq ix-xahar tal-Madonna. |
| | Jum Dinji kontra t-Tipjip (NU). |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù , Nadur li jibda fit-8.30p.m. |